MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 366/2006

**Antonia Bartolo, Roseanne Bartolo, Joseph Mark Bartolo u Lilian Bartolo**

**vs**

**1) L-Avukat Dr. Tonio Azzopardi u l-PL Mario Mifsud Bonnici, nominati b`digriet tal-Prim`Awla tal-Qorti Civili tal-14 ta` Dicembru, 2000 fl-atti tac-citazzjoni 2751/97GC fl-ismijiet 'Dr. Christian Farrugia noe et vs Sun Aviation Ltd et noe' bhala kuraturi deputati ta` l-assenti Carmelo Bartolo u**
**2) Id-direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-atturi.

1) Fit-3 ta` Dicembru, 1995, Carmelo Bartolo (Karta ta` l-Identita` Numru: 297748M), cittadin Malti imwieled fis-7 ta` Marzu, 1948 fiz-Zebbug, Malta (hekk kif jidher mic-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat Dok. A), residenti u domiciljat Malta u r-ragel tar-rikorrenti Antonia Bartolo u missier r-rikorrenti Roseanne, Joseph Mark u Lilian ahwa Bartolo, gheb f`incident ta` l-arju, hekk imsejjah *'l-incident tal-Piper Lance'*, wara li l-ajruplan tat-tip Piper Lance (bin-numru ta` Registrazzjoni 9H ABU) lil Bartolo kien qed itajjar gheb waqt titjira li kien qed jaghmel bejn Djerba fit-Tunezija u Malta.

2) F`dan l-incident ghebu wkoll il-hames passigieri li kien hemm aboard l-ajruplan u cioe` Philip Farrugia, Matthew Aquilina, Michael Williams, Tadeus Gorny u Desmond Baker;

3. Carmelo Bartolo ghadu assenti u matul dan iz-zmien kollu, jigifieri minn dak in-nhar ta` l-ghibien sallum, huwa qatt ma ghamel ebda tip ta` kuntatt mal-familjari tieghu;

4) Wara l-ghibien tal-Piper Lance gie mahtur *'Board ta` Inkjesta' ad hoc* biex jezamina bir-reqqa l-kaz ta` l-ghibien tal-Piper Lance 9H ABU, u dan in vista tal-fatt li l-ghibien ma sarx fit-territorju Malti u ghaldaqstant ma setghetx issir inkjesta Magisterjali in genere;

5) Il-Bord ta` Inkjesta mahtur, wara erba` snin ta` seduti u diversi xhieda, stabbilixxa li l-ajruplan waqa` fl-ibhra ta` bejn Malta u t-Tunezija;

6) Fir-rapport ta` din l-Inkjesta gie konfermat mill-esperti li diversi fdalijiet ta` ajruplan li instabu huma fdalijiet tal-Piper Lance 9H ABU kif ukoll illi ezami ta` dawn il-fdalijiet juru impatt qawwi mal-wicc ta` l-ilma, hekk kif jidher mill-estratt tar-Rapport li qed jigi hawn anness u mmarkat Dok. B;

7) L-istess pagna annessa u mmarkata Dok A tar-Rapport tal-Bord ta` Inkjesta tikkonferma li l-kartiera ta` Carmel Bartolo instabet fl-ilma u kienet turi li ghamlet tul ta` zmien esposta ghall-ilma bahar;

8)  Matul iz-zmien diversi rapporti u ittri li dehru fil-gazzetti minn dak iz-zmien ‘l hawn juru kif dawk kollha li kienu fuq il-Piper Lance baqghu assenti u qatt ma regghu tfaccaw jew ghamlu kuntatt ma` xi hadd hekk kif jidher mir-rapport ta` Franco Aloiso li deher fil-Malta Independent’ tas-6 ta` Dicembru, 1998 (hawn anness u mmarkat Dok. C) mir-rapport ta` Carmel Attard li deher fit-*‘Times’* fit-3 ta` Dicembru, 1998 (hawn anness u mmarkat Dok. D) mill-ittra ta` J.R. Aquilina li dehret fit-*‘Times’* tat-18 ta` Jannar, 2000 (hawn annessa u mmarkata Dok. E) u mill-ittra ta` A. Farrugia li dehret fis-*‘Sunday Times’* tat-30 ta` Novembru, 2003 (hawn annessa u mmarkata Dok. F);

9)  L-passiggier Tadeus Gorny, li hu ta` nazzjonalita` Pollaka u li gheb ukoll fl-incident in kwistjoni, gie ddikjarat mejjet skond il-ligi Pollaka, hekk kif jidher minn kopja awtentikata ta` affidavit tal-mara tieghu Teresa Augustyniak-Gorna li qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok. G;

10)  Carmelo Bartolo ilu assenti ghal perjodu kontinwu li jeccedi l-ghaxar snin, waqt liema perjodu huwa qatt ma ghamel kuntatt mal-familjari tieghu jew xi hadd maghruf minnhom, u dan kif korraborat minn din id-dikjarazzjoni guramentata ta` martu Antonia Bartolo u mill-fatti u evidenza murija f`dan ir-rikors u mill-fatti u l-evidenza li ghad iridu jingiebu fil-mori tal-kawza;

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1) tiddikjara li l-imsemmi Carmelo Bartolo ilu assenti ghal aktar minn ghaxar snin kontinwi mid-data ta` l-ahhar ahbar tieghu u dan ghal effetti kollha tal-ligi inkluzi d-disposizzjonijiet ta` l-Artikoli 223, 234 u 299 tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta` Malta;

2)  tiddikjara li l-imsemmi Carmelo Bartolo ghandu jigi prezunt mejjet stante li ghamel iktar minn ghaxar snin kontinwi assenti mid-data ta` l-ahhar ahbar tieghu li kienet it-tlieta (3) ta` Dicembru, 1995;

3) tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex fi zmien qasir u perentorju jirregistra l-mewt ta` Carmelo Bartolo ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi, fejn jigi specifikat fuq ic-certifikat tal-mewt skond l-Artikolu 301 tal-Kodici Civili, id-data ta` l-att; id-dettalji personali tal-mejjet fosthom l-isem *"Carmelo"*, il-kunjom *"Bartolo"*, id-dokument ta` l-identita` *"297748M"*, l-eta` *"47 sena"*, il-lok ta` fejn twieled *"Zebbug Malta"* u fejn kien joqghod *"Zebbug, Malta"*; l-isem u l-kunjom ta` missier il-mejjet *"Anthony Bartolo"*, u l-fatt li dan kien *"haj"* fil-mument tal-mewt, u l-isem u l-kunjom ta` omm il-mejjet *"Philippa Bartolo nee` Abela"* u l-fatt li din kienet *"hajja"* fil-mument tal-mewt; l-isem u l-kunjom tal-mara tal-mejjet *"Antonia Bartolo"*; id-data tal-mewt *"3 ta` Dicembru, 1995"*; u il-kagun tal-mewt *"mhux maghrufa"*";

4) taghti kull provvediment iehor opportun fic-cirkostanzi tal-kaz;

B`rizerva ta` kull azzjoni ohra spettanti lir-rikorrenti skond il-ligi.

Rat ir-risposta ta` Dr. Tonio Azzopardi u l-P.L. Mario Mifsud Bonnici fil-kwalita` taghhom ta` kuraturi fejn qalu illi:

1. Il-prova tal-kontenut tar-rikors guramentat ta` l-atturi tinkombi fuq l-istess atturi. Ghalhekk, l-oneru tal-prova f`dawn il-proceduri jridu jgorruh l-atturi.

2. L-esponenti sejrin jirrimettu ruhhom ghall-gudizzju ta` din l-Onorabbli Qorti fuq il-provi li sejrin iressqu l-atturi.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra, jekk ikun il-kaz.

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru pubbliku fejn eccepixxa illi:

1. Preliminarjament l-esponet mhux il-legittimu kontradittur fir-rigward ta` l-ewwel u t-tieni talba attrici dedotti fir-rikors guramentat.

2. Fir-rigward tat-tielet talba attrici fir-rikors guramentat, l-esponent ma joggezzjonax ghat-talba tar-rikorrenti kif dedotta jekk it-talbiet attrici jigu milqugha minn din l-Onorabbli Qorti.

3. Fi kwalunkwe kaz din l-azzjoni mhix attribwibbli ghal xi nuqqas tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li ghaldaqstant m`ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta` l-istanti.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ikkunsidrat illi mill-provi kollha prodotti u mid-dokumenti esebiti jirrizulta illi l-assenti Carmelo Bartolo ilu assenti mit-3 ta` Dicembru, 1995.

Illi dawn il-fatti ma gew b`ebda mod kontradetti.

Il-Qorti tinnota wkoll li dan il-fatt tal-ghibien tal-ajruplan Piper Lance 9H ABU kien rappurtat ghal zmien twil fil-media lokali b`*coverage* estensiv u kontinwu u tul iz-zmien kollu ma` tqajjem ebda suspett li xi hadd minn fuq l-istess ajruplan seta` salva mit-tragedja.

Ghaldaqstant il-Qorti, tilqa` t-talbiet kollha tal-atturi kif dedotti fir-rikors promotur.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------